Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B ►C1 **REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 635/2005**

tas-26 ta' April 2005

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda ◄

(ĠU L 348M, 24.12.2008, p. 102)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/183 tat-2 ta' Frar 2015	L 31	5	7.2.2015

Ikkoreġut minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 84M, 31.3.2009, p. 65 (635/2005)

▼B
▼C1

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 635/2005

tas-26 ta' April 2005

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda mehmuża mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-oġġetti msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stipula r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hi kompletament jew parzjalment ibbażata fuq in-Nomenklatura Magħquda, jew li żżidilha xi suddiviżjoni addizzjonali u li hi stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Komunità, bil-ħsieb li jiġu applikati tariffa u miżuri oħrajn relatati ma' kummerċ f'oġġetti.

(3) Skont l-imsemmija regoli ġenerali, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella stabbilita fl-Anness ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu kklasifikati taħt il-kodiċi NM indikata fil-kolonna 2, għar-raġunijiet stipulati fil-kolonna 3.

(4) Huwa xieraq li jiġi pprovdut li l-informazzjoni tariffarja vinkolanti maħruġa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri dwar il-klassifikazzjoni ta' oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda u li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, tista', għal perjodu ta' tliet xhur, tibqa' tkun invokata mid-detentur, skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità [2].

(5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

---

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 493/2005 (ĠU L 82, 31.3.2005, p. 1).

[2] ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mit-Trattat ta' l-Adeżjoni ta' l-2003.

▼C1

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella stabbilita fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati fi ħdan in-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċijiet tan-NM indikati fil-kolonna 2 ta' dik it-tabella.

Artikolu 2

Informazzjoni tariffarja vinkolanti maħruġa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tkun invokata għal perjodu ta' tliet xhur skont l-Artikolu 12(6) ta' Regolamenti (KEE) Nru 2913/92.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼C1

ANNESS

	Deskrizzjoni tal-oġġetti	Klassifikazzjoni (Kodiċi tan-NM)	Raġunijiet
	(1)	(2)	(3)
▼M1	_____		
▼C1	2. Te djuretiku/renali mqiegħed f'boroż għall-bejgħ bl-imnut. It-tikketta għandha l-indikazzjonijiet li ġejjin: 1) Kompożizzjoni ta' kull borża (1,8 g): Ingredjenti medikalment attivi: — Denb iż-żiemel (*Equisetum ramosis simum*) 0,47 g — Weraq tal-betula 0,45 g — golden rod 0,38 g — spiny restharrow-root 0,20 g Ingredjenti oħra: Fosdqa tal-ballerina, weraq tad-dqiq tal-qamħirrun, weraq tal-pepermint, żahra tal-qronfol tat-torok, għerq tal-għerq issus. 2) Doża u mod ta' applikazzjoni: Itfa' kikkra (madwar 150 ml) mishun ma' borża tat-te waħda, għattiha u ħalliha terħi għal madwar 15-il minuta u wara neħħi l-borża tat-te. Sakemm mhux indikat mod ieħor, kikkra te li tkun għadha kif saret 3 jew 4 darbiet kuljum bejn l-ikliet. 3) Applikazzjonijiet: Biex iżżid il-volum tal-urina fil-każ ta' katarru fil-kliewi jew fil-bużżieqa tal-awrina u biex twaqqaf milli jiffurmaw żrar jew ġebel fl-urina.	2106 90 92	Il-klassifikazzjoni ddeterminata skont ir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Maqgħuda, in-nota 1 għall-Kapitolu 30, u l-kliem tal-kodiċijiet NM 2106, 2106 90 u 2106 90 92. Ara n-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata (HS) għall-intestatura 2106, paragrafu 14 u n-Noti ta' Spjegazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda għall-Kapitolu 30. La fl-istruzzjonijiet u l-anqas fuq il-pakkett m'hemm dettalji dwar it-tip u l-konċentrazzjoni tas-sustanza/i attiva/i. Isemmew biss il-pjanti u l-partijiet tal-pjanti użati. Għalhekk il-kundizzjonijiet tan-Nota Addizzjonali 1(b) għall-Kapitolu 30 ma nqdewx.
►M1 ———— ◄			

▼C1

